MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 332/2011

***AB***
***Vs***

***CB***

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

*1.* Illi r-rikorrenti zzewweg lill-intimata fis-7 ta' Gunju 1964 fil-Knisja Parrokkjali tal-Hamrun u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, Mark, li llum huwa mejjet u lil J u E li illum huma maggorenni.

*2.* Illi fl-4 ta' Lulju 1989 il-kontendenti infirdu permezz ta' separazzjoni konsenswali ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat minn-nutar Pierre Cassar – kopja legali hawn annessa u markata bhala Dokument « A ».

*3.* Illi ma hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

*4.* Illi ir-rikorrenti jhoss li ghandu jaqta' kull rabta mal-intimata u jixtieq li juzufruwixxi ruhu minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (kif gie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena korrenti) u allura li jiddivvorzja minn martu b'mod li kull legam maghha jinqata' darba ghal dejjem.

5. Illi ma hemm ebda manteniment x'jithallas lit-tfal billi llum huma maggorenni u qabzu l-eta' ta' 23 sena.

6. Illi il-partijiet huma it-tnejn residenti u domiciljati hawn Malta

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) tiddikjara u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti ghal ragunijiet fuq moghtija u cioe li ilhom separati legalment ghal aktar minn erba' snin u peress li ma hemm ebda possibilita` ta' rikonciljazzjoni bejniethom u

2) tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stabbilit minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi, u kollox kif jigi ordnat minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha;

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha huwa eccepiet :

Illi l-esponent ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrenti zewgha ghall-hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B kif korrettament senjalat mir-rikorrent fit-talba promotur tieghu b'dan pero' illi l-ispejjez ta' dawn il-

proceduri ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrent zewgha;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Lulju 1989;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimata u lanqas lit-tifla minuri li illum il-gurnata hija maggorenni u ghandha aktar minn tlieta u ghoxrin sena;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------